# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1585

Każ Nru 2210/FM

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Edward Briffa

u

Meridian Art International Ltd gia
Image Direct International Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

Data: 16 ta' Frar 2005

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

B'rikors datat it-30 ta' Lulju 2004 l-Avukat Christopher Soler allega li s-sur Edward Briffa kien gie illiċenzjat illegalment minn mas-soċjetá Meridian Art International Ltd ġia Image Direct International Ltd li magħha kien impjegat bħala *Manager Storage and Distribution* fit-30 ta' April 2004. Il-Kumpanija Appellata li kienet rappreżentata mis-sur Jamie Mather, assistit mill-Avukat Peter Fenech, caħdet dan u allegat li l-liċenzjament kien għal raguni ta' *redundancy*. Inżammu sitt seduti.

Ai termini tal-artikolu 78(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura u għal raġunijiet li jirriżultaw mill-atti ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' fiż-żmien preskritt mill-liġi.

## 2. Fatti tal-każ

L-Appellant ġie mgħarraf permezz ta' ittra datata 30 ta' April 2004 mid-Direttur Michael Norris illi b'effett minn dak il-jum hu kien qed jiġi dikjarat *redundant*. L-Appellant jirritjeni li r-raġuni mogħtija għal liċenzjament tiegħu, dik tar-*redundancy*, ma hi xejn ħlief skuża biex jeħilsu minnu.

Il-Kumpanija Appellata tgħid li effettivament ix-xogħol li kien qed jagħmel l-Appellant fl-i*Storage and Distribution Centre* kien spiċċa peress li għalqet dan id-dipartiment u effettivament ittrasferiet lill-Appellant f'dipartiment ieħor fejn ma kienx effiċjenti u lanqas jaqdi dmirijiet bażiċi tiegħu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Peress illi l-Kumpanija Appellata invokat ir-*redundancy* bħala r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant it-Tribunal kellu jiddeċidi dan il-punt qabel jikkonsidra jekk il-liċenzjament sarx għal raġuni ġusta jew le. Dana minħabba l-fatt li t-Tribunal Industrijali skond l-Artikolu 2 (tifsira ta' "tkeċċija inġusta") tal-Kap 452 ma huwiex kompetenti biex jiddeċidi każi ta' liċenzjament minħabba *redundancy*. Mill-banda l-oħra huwa obbligu tat-Tribunal li jeżamina jekk almenu *prima facie* kienx jeżisti *redundancy* jew le biex jaċċerta ruħu li din ir-raguni kienitx waħda veritiera jew sutterfuġju biex l-Appellant jiġi mkeċċi. Li ried jara t-Tribunal kienx hemm effettivament *redundancy*. It-Tribunal ma jistax jidħol fil-merti morali jew etiċi tal-każ iżda sempliċement kienx hemm *redundancy*.

Il-liġi tagħna ma tiddefinixxix il-kelma *redundancy* u għaldaqstant it-Tribunal irid bilfors jistrieħ fuq il-prattika u fuq preċedenti. *Redundancy* tista ssir għal raġunijiet diversi per ezempju l-għeluq ta' entitá, sitwazzjoni prekarja finanzjarja ta' kumpanija, *downsizing* u anke *reorganisation*. Il-każ in ezami huwa konness ma' *reorganisation.* Jirriżulta b'mod ċar li meta l-Appellant beda jaħdem mal-Kumpanija Appellata, li kellha isem ieħor, huwa kien ġie inkarigat mid-dipartiment tal-i*Storage and Distribution*. Jirriżulta wkoll illi f'ċertu żmien ħafna mix-xogħol li kien isir hemm sar komputerizzat b'mod li tnaqqsu n-nies u ġie faċilitat ix-xogħol. Fl-istess ħin l-Appellant kien qed jaqdi lil Kumpanija Appellata b'modi oħra li ma kellhom xejn x'jaqsmu max-xogħol prinċipali tiegħu, bħal ngħidu aħna jiddeposita flus jew ċekkijiet, jiffirma ċekkijiet u jagħmel xogħol ieħor amministrattiv. Jirriżulta li ħafna minn dax-xogħol beda ftit ftit jitqassam lil xi impjegati oħra b'mod li l-Appellant seta' faċilment jirriżulta li kien ġie *redundant*. Gie pruvat ampjament li l-Appellant sar superfluwu għall-bzonnijiet tal-Kumpanija Appellata wara din ir-rijorganizzazzjoni jew aħjar ir-*re-engineering* tal-prattiċi tan-negozju fl-operat tagħha.

It-Tribunal irid jerġa jenfasizza illi huwa mhux qed jiġġudika jekk l-aġir tal-Kumpanija Appellata kienx etiku u morali jew le. Id-dover tiegħu huwa li jeżamina jekk kienx hemm każ ta' *redundancy* o meno. Id-drittijiet li jista jkollu l-Appellant akkonfront tal-Kumpanija Appellata ma jistgħux jiġu konsiderati f'dan it-Tribunal izda f'xi sede oħra, amministrattiva jew ġjudizzjarja. Mill-banda l-oħra l-Appellant jibqalu d-dritt residwu li jakkwista mill-ġdid il-post li kellu jekk fi żmien sena mil-liċenzjament tiegħu l-post jerġa jsir ottjenibbli. Dan skond l-Artikolu 36(3) tal-Kap 452.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li peress li l-liċenzjament tal-Appellant Edward Briffa minn mal-Kumpanija Appellata Meridian Art International Ltd, kien għal raġuni ta' *redundancy* l-istess Tribunal mhux kompetenti li jagħti ġudizzju f'dan il-kaz.

B'hekk jintemm dan il-kaz

**5. Drittijiet**

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja